MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 25/2006

Kawza fil-lista: 9

**A sive B C f' ismiha proprju u bhala kuratrici "ad litem" ta' binha minuri D**
**vs**
**E sive F C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat minn A C fil-25 ta' Jannar 2006 li permezz tieghu talbet l-awtorizzazzjoni ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza fl-istess ismijiet mghotija fl-14 ta' Frar 1995 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili;

Rat ir-risposta guramentata prezentata minn E C li in linea preliminari eccepixxa [1] l-inkompetenza ta' din il-Qorti; u [2] li t-talba rikorrenti tinsab preskritta fit-termini ta' l-Artikolu 2156[f] tal-Kap.16;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel eccezzjoni hi fis-sens li din il-Qorti hija nkompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talba, stante li s-sentenza li taghha qed tintalab l-ezekuzzjoni kienet giet moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, u di piu' il-mertu tar-rikors ma jaqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti kif delineata mill-Avviz Legali 396/2003, u 9/2004.

Illi s-segwenti osservazzjonijiet huma opportuni:

[1] Illi r-rikors odjern gie prezentat fil-25 ta' Jannar 2006, u ghalhekk mhuwiex applikabbli ghalih ir-regolament numru 13 li jirrigwarda atti li ghadhom pendenti fis-16 ta' Dicembru 2003.

[2] Illi meritu tar-rikors odjerna jirrigwarda l-esekuzzjoni ta' sentenza, ossia parti minnha, ta' separazzjoni personali bejn il-koppja C. F' din is-sentenza giet pronuncjata s-separazzjoni personali u gew regolati l-effetti konsegwenzjali. Ghaldaqstant hija nfondata legalment t-tesi tal-konvenut li l-meritu ma jaqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti bhala Qorti Civili [Sezzjoni Familja] delineata fir-regolament [4] tal-Iskeda formanti parti mill-imsemmi Avviz Legali.

[3] Illi l-fatt li s-sentenza kienet giet pronunzjata mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili huwa dovut ghall-istat tal-ligi kif kien dak iz-zmien meta l-Prim' Awla kellha l-kompetenza li tisma' kawza ta' separazzjoni personali; izda sussegwentement in forza ta' l-Avvizi Legali precitati, il-kompetenza ta' dawn il-kawzi ghaddiet f' idejn din il-Qorti bhala Qorti Civili [Sezzjoni Familja]; u ghalhekk l-talba ghall-esekuzzjoni ta' sentenza, prezentata wara l-emendi, ghandha ssir quddiem din il-Qorti, gjaladarba l-poteri li kellha l-Prim' Awla in materja, ghaddew f' idejn din il-Qorti.

Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u qeda tigi respinta.

Illi t-tieni eccezzjoni hija fis-sens li t-talbiet “mhumiex aktar ezigibbli peress li dak li qieghed jintalab hu preskritt ai termini ta’ l-Artikolu 2156[f] tal-Kap.16” Dan l-Artikolu, li jikkontempla dawk l-azzjonijiet li jigu estinti wara il-perijodu preskrittiv kwinwennali, ma japplikax ghal-kaz in disamina li ghandu l-bazi legali tieghu fl-Artikolu 258 tal-Kap.12 li jirregola specifikatament talba ghall-ezekuzzjoni ta’ sentenza, li tkun saret wara l-perijodu ta’ hames snin li tkun inghatat.

Ghaldaqstant anke din it-tieni eccezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u qeda tigi respinta.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------